MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 285/2008

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datat 5 ta' Ottubru, 2001, l-intimat gie obbligat li jhallas lill-attrici proprio manteniment ta' LM 50.00 (hamsin lira) fix-xahar li llum bl-indici tal-gholi tal-hajja il-manteniment gie

awmentat ghal LM 56.00 illum € 130.44;

Illi minn dak iz-zmien ‘l hawn kien hemm tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet fis-sens illi l-introjtu tal-intimat zdied, filwaqt illi r-rikorrenti ma tistax tahdem u ma tistax tlahhaq ma l-ispejjez inkorsi fix-xahar;

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet giet maghluqa u l-partijiet jinsabu awtorizzati jipprocedu ulterjorment skond il-ligi (Dok B) u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tistabilixxi retta alimentarja gdida, f’ammont ikbar minn €130.44 (mija u tletin Euro u erbgha u erbghin centezmi) ekwivalenti ghal LM 56.00 fix-xahar ghar-rikorrenti u dana ghar-ragunijiet hawn fuq permessi;
2. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk stabbilita favuriha bil-modalitajiet ghal hlas tal-istess fosthom li jizdied skont l-gholi tal-hajja;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta’ medjazzjoni kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-attrici, filwaqt li taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell in forza tas-sentenza datata l-5 ta' Ottubru, 2001, qed issostni li hija intitolata li titlob li tigi awmentata r-rata ta' manteniment stabbilita ghaliha bis-sentenza citata ghaliex skond hi "kien hemm tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet".

   Da parti tieghu l-esponent isostni li l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Onorabbli Qorti tal-Appell meta giet biex sabbiliet ir-rata ta' manteniment pagabbli ghall-attrici, sew ghal dakinhar kif ukoll ghall-futur, jirrendu t-talba attrici wahda insostenibbli;

2. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex tvarja sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel fil-5 ta' Ottubru 2011[1], u li permezz taghha l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' Lm50 fix-xahar li bl-gholi tal-hajja, llum huwa dak ta' €130.44, ekwivalenti ghal Lm56 fix-xahar, u dan abbazi ta' bdil ta' cirkustanzi finanzjarji taz-zewg partijiet kif ukoll minhabba l-fatt li r-rikorrenti ma tistax tahdem.

Min-naha tieghu l-intimat jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement jikkontendi li s-sentenza in kwistjoni msemmija aktar 'il fuq m'ghandhiex tigi varjata.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

Illi permezz tal-affidavit taghha[2], r-rikorrenti tghid li fis-sena 1992 kienet intavolat kawza ta' separazzjoni abbazi ta' adulterju kommess minn zewgha. Taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sena 2001 (msemmija aktar 'il fuq) u li permezz taghha l-istess intimat gie attribwit ir-responsabbilita' tas-separazzjoni ta' bejniethom. Taghmel referenza ghall-provi li gew migbura fil-mori tas-separazzjoni taghhom u li l-intimat zewgha kkontenda li m'huwiex minnu li ma tistax tahdem.

Filwaqt li taghmel referenza ghall-*file* mediku taghha li permezz tieghu tikkontendi li taghmel prova tal-kondizzjoni kronika taghha, l-attrici tghid li l-problema bdiet madwar 20 sena ilu, precizament wara li twieldet it-tifla. Tghid li jkollha bzonn tistrieh hafna u tqatta' hafna hin fis-sodda. Tghid li kienet u ghadha tmur ghand diversi tobba b'dan li l-intimat zewgha kien imur maghha ghal dawn il-visti. Tghid ukoll li fil-mori tas-separazzjoni hija ressqet biss certifikat wiehed izda issa hija intitolata wkoll ghall-pensjoni tal-invalidita' u kultant zmien terga' tigi mitluba tersaq quddiem bord biex tigi ezaminata ghal dan l-iskop.

[1] Esebita a fol 5 tal-process
[2] Esebit a fol 43 tal-process

Tghid ukoll li l-intimat jahdem bhala *executive manager* ma' SMS Insurance fejn ghandu salarju ta' €3260 fix-xahar u ghandu wkoll karozza tal-kumpanija li tiswa madwar €18,600. Tghid li fiz-zmien li kienet ghaddejja l-kawza ta' separazzjoni bejniethom, l-intimat kellu introjtu ta' madwar €930 fix-xahar. Dwar l-introjtu taghha tghid li ghandha pensjoni ta' €366.28[3] u tircievi l-ammont ta' €134.78[4] bhala manteniment minghand zewgha. Taghlaq billi tghid li biex tlahhaq mal-hajja, jkollha titlob l-ghajnuna tal-familja taghha.

Sussegwentement permezz ta' nota prezentata in atti[5] r-rikorrenti ipprezentat wkoll diversi dokumenti li gew esebiti fil-kawza ta' separazzjoni u li permezz taghhom tikkontendi li l-ammont tas-salarju tal-intimat ta' dak iz-zmien (u li fuqu gie deciz il-manteniment dovut lilha) kien differenti ghall-introjtu li ghandu llum u ta' dan tipprezenta rendikont li juri d-differenza tal-introjtu tieghu matul iz-zmien.

Permezz ta' affidavit ulterjuri[6] imbaghad l-istess rikorrenti tghid li l-ammont stabbilit mill-Qorti tal-Appell kien abbazi tal-fatt li l-intimat dejjem ikkontradixxa dak li sostniet hi izda tannetti dokumenti[7] li permezz taghhom turi li ilha tbati bil-kondizzjoni f'dahra ma' mis-sena 1986 u cioe' minn qabel ma bdiet il-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

In kontro-ezami[8], tghid li bintha Diane ta' 25 sena qed tistudja barra minn Malta u bdiet tahdem fis-sena 2010 mal-KPMG. Tikkonferma li skond is-sentenza, hija inghatat manteniment ta' Lm100 ghall-istess bint li baqa' jithallas sa' xahar qabel mat-tifla ghalqet l-eta' ta' 18 –il sena u li tghix fir-residenza 'Jadorida', fi Triq il-Gardiel Marsaskala skond l-istess sentenza ta' separazzjoni. Tghid ukoll li l-Qorti kienet irreteniet li d-

[3] Ara Dok. 5 esebit a fol 84 tal-process
[4] Ara Dok. 6 esebit a fol 85 tal-process
[5] Ara a fol 161 tal-process
[6] Esebit a fol 187 tal-process
[7] Ara Dok 12 esebit a fol 188 – 214 tal-process
[8] Ara x-xhieda taghha datata t-8 ta' Gunju 2011 a fol 314 tal-process

donazzjoni bejn l-intimat favur il-genituri tieghu tad-dar imsemmija giet dikjarata bhala donazzjoni bi frodi u ghalhekk l-istess Qorti ma laqghetx it-talba tieghu ghall-izgumbrament taghha u ta' bintu mill-istess dar u regghet gieghlitu jaghmel id-dar fuq ismu. L-attrici tesebixxi numru ta' ritratti li juru l-istat tal-istess imsemmija dar[9] u li ttiehdu fis-sena 2010. Tikkonferma wkoll li hija ssuq vettura li xtralha missierha ghall-bzonnijiet taghha u ta' bintha. Tghid li ghas-seduta hija marret bil-karozza tal-linja.

In kontro-ezami[10] r-rikorrenti tispjega li marret ghand diversi tobba minhabba l-kondizzjoni taghha ghaliex riedet opinjonijiet differenti. Issostni li kien Dr. George B, habib ta' zewgha li kien jirrakkomandalha ghand liema tabib tmur. Tghid ukoll li kienet tmur ghall-fizjoterapija izda dan ma kellux effett. Kkonfrontata bil-konkluzjonijiet ta' Mr. Ransford li jghid li "***she is neurologically normal***" u li "***she is still recovering from a slipped disc problem***" ir-rikorrenti tghid li hekk deherlu. Tghid li ma tafx precizament kemm kienet damet tmur ghall-fizjoterapija izda tghid li din ma kienitx xi kwistjoni ta' gimgha. Kellha opinjonijiet differenti dwar jekk ghandhiex tkompli tmur ghall-fizjoterapija jew le. Tikkonferma li rrezenjat mill-Airmalta u li f'dak iz-zmien kellha problemi fizici relatati mal-anemija tant li kellha taghmel operazzjoni kif ukoll li kellha l-problema relatata ma' daharha. Mistoqsija dwar ir-raguni ghaliex ma nfurmatx lill-Qorti dwar il-pensjoni tal-invalidita', r-rikorrenti tghid li dan ma kienx possibbli *stante* li kienet quddiem il-Qorti tal-Appell u m'humiex accettati provi f'dak l-istadju.

In kontro-ezami[11] r-rikorrenti tikkonferma li mix-xiehda precedenti taghha, bintha zzewget u ghalhekk m'ghadhiex tghix maghha u li qabel kienet ghamlet xi zmien tistudja barra minn Malta. Taqbel li fis-sena 2012 kienet imsiefra mat-tifla u zzid tghid li minhabba l-problema f'dahra kellha testendi l-btala taghha ghal hmistax-il gurnata ohra ghax kellha toqghod fis-sodda. Tghid li biex marret l-Ingilterra, l-vjagg kien imhallas minn bintha filwaqt li l-akkomodazzjoni kienet b'xejn ghaliex kienet qed

[9] Ara Dok. ZZ esebiti a fol 325 tal-process
[10] Ara x-xhieda taghha datata t-28 ta' Settembru 2011 esebita a fol 333 tal-process
[11] Ara x-xhieda taghha datata l-24 ta' Settembru 2013 esebita a fol 617 tal-process

toqghod mal-istess bintha. Tghid li l-intenzjoni taghha meta marret l-Ingilterra hdejn bintha kienet dik li ddum madwar ghaxart ijiem jew hmistax-il gurnata izda minhabba l-problema ta' daharha kellha testendi l-btala taghha.

**Il-Verzjoni tal-Intimat**

Permezz tal-affidavit tieghu[12] l-intimat jghid li r-rikorrenti qed taqla' l-passat, taghzel dak li hu konvenjenti ghaliha u tuza l-istess biex tpingih bhala ragel li ma jaghtix kaz tal-familja, li jigri barra u li jittrattaha hazin. Jghid li r-rikorrenti stess tikkonferma li kien imur maghha ghand it-tobba, fosthom Mr. Ransford li ddikjara li "***she is neurologically normal***"[13]. Jikkontendi li hekk kif twieldet it-tifla taghhom, ir-rikorrenti bdiet tahseb kif ser tieqaf tahdem u minn dan iz-zmien bdew il-visti ghand it-tobba. Minkejja li kien imur maghha ghand it-tobba, r-rikorrenti bdiet titrattah bhala barrani.

Jghid li ilha tircievi l-pensjoni tal-invalidita' sa' mis-sena 1998[14] u cioe' tliet snin qabel ma inghatat is-sentenza tal-Appell u huwa proprju ghalhekk li kien gab dan kollu a konjizzjoni tal-istess Qorti tal-Appell permezz tar-risposta tieghu[15]. Izid jghid ukoll li r-rikorrenti temmet l-impjieg taghha mal-AirMalta fis-sena 1992 billi rrezenjat. Jiddikjara li kellha paga tajba, tant li jghid li skond dak li ddikjarat hi fl-affidavit taghha stess fil-kawza ta' separazzjoni, f'erbatax-il sena kienet dahhlet l-ammont ta' Lm26,000 net. Jikkontendi li r-rikorrenti ghazlet li tirrezenja minflok ma harget *boarded out* u jaghti x'jifhem li dan ma jaghmilx sens ghaliex jargumenta li meta wiehed ikun ma jiflahx jaghzel li johrog *boarded out* biex ma jitlifx dak li jkun intitolat ghalih. Isostni li l-Qorti tal-Appell, minkejja li kienet konxja mill-fatt li r-rikorrenti tircievi pensjoni tal-invalidita' (ghaliex infurmhom permezz tar-risposta tieghu msemmija

[12] Esebit a fol 350 tal-process
[13] Ara Dok. A esebit a fol 354 tal-process
[14] Ara Dok. B esebit a fol 355 tal-process

[15] Ara Dok. C esebit a fol 356 tal-process

aktar 'il fuq), xorta wahda ma emmnitx li l-istess rikorrenti ma tistax tahdem biex tghin lilha nnifisha. Isostni, kif wara kollox ilu jsostni sa' mill-bidu nett, li r-rikorrenti kapaci tmantni lilha nnifisha. Jaghlaq billi jghid li fil-mori ta' din il-kawza l-attrici ma ipprezentat xejn gdid illi ma kienx fil-pussess taghha fil-kawza ta' separazzjoni u li kellha kull opportunita' li tipprezentah biex issostni t-talbiet taghha.

Permezz tax-xiehda tieghu[16] l-intimat jesebixxi Dok. RVX1[17] rilaxxat favur tieghu fis-sena 2011 u li huwa relatat ma' *injuries* ta' waqa'. Jghid li l-kondizzjoni tieghu hija identika ghal dik tar-rikorrenti. Kien imur ghall-fizjoterapija kif ukoll ghal *acupuncture*. Jghid li f'dawn is-snin ha xi jumejn jew tliet ijiem *sick-leave*. Jghid li ghamel diversi *check-ups* imma gie infurmat li *neurologically* m'ghandu xejn ghalkemm inghata parir biex ma jmurx il-*gym* u ma jaghmilx *weights* izda li jghum u li jaghmel l-*accupuncture*. Jesebixxi wkoll Dok. RVX2[18] li huwa r-rizultat tal-MRI tieghu. Jaghti wkoll deskrizzjoni dettaljata tal-post residenza tar-rikorrenti u jesebixxi ritratt tal-faccata tal-istess dar[19].

In kontro-ezami[20] jghid li kien hu li kkostata li l-kondizzjoni medika tieghu hija identitika ghal dik tar-rikorrenti u dan ghamlu billi qabbel ic-certifikati medici. Jikkonferma wkoll li l-ebda kamra tas-sodda m'ghandha kamra tal-banju fiha u ghalhekk sabiex wiehed imur fil-kamra tal-banju irid prattikament imur in-naha l-ohra tad-dar. Mistoqsi fuq l-incident fejn waqa' (liema waqa' sehhet madwar sitt snin qabel is-seduta ta' Dicembru 2012) u ghaliex ic-certifikat huwa datat fis-sena 2011 filwaqt li X-rays huma datati 2008, l-intimat jghid li qaghad fuq it-tobba meta inizjalment qalulu li ma kellu xejn u kien ghalhekk li baqa' ghaddej bit-*training*.

---

[16] Datata t-3 ta' Dicembru 2012 esebita a fol 579 tal-process
[17] Esebit a fol 585 tal-process
[18] Esebita fol 586 tal-process
[19] Ara Dok. RVX4 esebit a fol 588 tal-process
[20] Ara x-xhieda tieghu esebita fol 580 tal-process

Imbaghad in kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tieghu[21] l-intimat jikkonferma li d-dar residenza tar-rikorrenti nxtrat minnu ftit qabel iz-zwieg ghalkemm jikkonferma li qatt ma ghaddew flus ghand il-ġenituri tieghu minghandu u minghand ir-rikorrenti. Jikkonferma li nizzlu l-prezz tal-bejgh fuq il-formola tal-*income tax*. Jaqbel ukoll li r-rikorrenti ghandha biss l-uzu ta’ din id-dar u li konsegwentement m’ghandhiex il-possibilita’ ta’ dhul jew ta’ kapital mill-istess dar. Jghid li ghandu proprjeta’ ohra fiz-Zejtun li kienet proprjeta’ ta’ missieru, liema dar m’ghandhiex potenzjal ta’ zvilupp peress li qieghda fic-centru tar-rahal. Jaqbel ukoll li prezentement qed jghix f’dar b’erbatax-il kamra gewwa tas-Sliema u li fil-*basement* irabbu l-qtates peress li hemm *cattery* -  sptar u *hostel* ghall-qtates. L-intimat jiddikjara li jikkontribwixxi s-somma ta’ €150 fix-xahar ghall-qtates. Jikkonferma li huwa direttur ta’ SMS Insurance Limited u direttur ta’ Youlath Trading Limited izda jghid li m’ghandux *shareholding* fiha. Jghid li minn din tal-ahhar m’ghandux rumenerazzjoni ghaliex jaghmilha ghal habib tieghu li huwa Libjan. Jikkonferma li kien direttur ta’ I Group Limited izda jichad li huwa *shareholder* f’din l-istess kumpanija.

In kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tieghu[22], l-intimat jesebixxi Dok. JS1[23] relatat mas-socjeta’ Youlath Trading Company Limited u li permezz tieghu gie dikjarat li l-istess socjeta’ “***was not engaged in any form of commercial or trading activity during its financial year ending 31 December 2012***”. L-intimat jghid li minkejja li l-indirizz tal-istess socjeta’ hija d-dar tieghu gewwa z-Zejtun, fil-verita’ l-istess socjeta’ ma taghmel ebda xoghol mill-istess dar.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi tabib li ssuggerielu li jieqaf jahdem jghid li iva pero’ jzid jghid li l-biza’ tieghu hija li jieqaf jahdem u mhux li jkun jahdem. Dwar id-dar ta’ Tas-Sliema jghid li din jghix fiha b’titolu ta’ kera li qabel kienet kera tal-mara prezenti tieghu (u li m’hijiex ir-rikorrenti).

[21] Ara x-xhieda tieghu datata t-18 ta’ Dicembru 2012
[22] Ara x-xhieda tieghu datata t-8 ta’ Mejju 2013
[23] Esebit a fol 607 tal-process

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Illi jidher car li l-mertu tal-kawza jdur fuq zewg binarji u cioe' l-allegat bdil ta' cirkustanzi da parti tar-rikorrenti u li permezz tieghu targumenta li hemm lok ghal gustifikazzjoni tat-talba taghha ghal bdil fil-manteniment dovut u l-argument migjub mill-intimat u cioe' li l-Qorti tal-Appell kienet diga' hadet in konsiderazzjoni l-fatti tal-kaz u ghalhekk, it-talba attrici hija insostenibbli.

Il-bazi tat-talba attrici huwa l-Artikolu 54(9) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Meta jkun hemm bdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz***".

Ir-rikorrenti tghid li maz-zmien kien hemm zewg tibdiliet fic-cirkustanzi tal-partijiet u cioe' l-fatt li hija m'ghadhiex tista' tahdem u ghalhekk tilfet il-kapacita' lavorattiva u l-fatt li l-introjtu tal-intimat zdied sewwa tul iz-zmien. Dwar l-ewwel bdil fic-cirkustanzi u cioe' l-fatt li r-rikorrenti ma tistax tahdem, jigi rilevat li dan huwa kkonfermat b'mod oggettiv mhux biss mic-certifikati u dokument esebiti in atti kif ukoll mix-xiehda tat-tobba kuranti tar-rikorrenti fosthom Dr. Anthony Galea Debono[24] izda wkoll mill-fatt li l-istess rikorrenti giet dikjarata li hija intitolata ghal pensjoni tal-Invalidita'[25] minn bord mediku li skond l-istess Dr. Anthony Galea Debono m'huwiex facli li wiehed jghaddi mill-istess Bord. Il-Qorti tirrileva li din hija prova oggettiva ghaliex bord indipendenti maghmul minn grupp ta' persuni wkoll waslu ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti m'hijiex kapaci tahdem. Ghalhekk, kwalunkwe forma ta' dubju li seta' kien hemm dwar xi intenzjoni kapriccuza da parti tar-rikorrenti biex ma tahdimx hija eliminata

---

[24] Ara x-xhieda tieghu esebita a fol 153 tal-process

[25] Ara Dok. 5 esebit a fol 84 tal-process

anke in vista tad-dokument mahrug mill-ETC[26] li juri li fis-sena 1992 ir-rikorrenti kienet hadet 156 gurnata *sick leave,* kif ukoll mix-xiehda ta' Brian Bugelli[27] fejn jiddikjara li mill-*file* relattiv ghall-impjieg tar-rikorrenti mal-AirMalta jirrizulta li kellha tghaddi bord. Dwar l-introjtu tal-intimat, anke dan jirrizulta li zdied b'mod sostanzjali tul iz-zmien[28]. Wiehed irid jikkonsidra wkoll il-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell inghatat aktar minn tnax-il sena ilu u ghalhekk wiehed jistenna li l-introjtu ikun zdied. Jidher pero' li l-introjtu tal-intimat zdied b'mod konsiderevoli. Il-Qorti tirrileva li f'kaz li r-rikorrenti kienet ghadha kapaci tahdem u tiggenera introjtu ghaliha, l-introjtu awmentat tal-intimat ftit li xejn kien ikollu effett ghaliex f'dak il-kaz, iz-zewg partijiet kienu jkunu fuq l-istess binarju u cioe' li t-tnejn li jahdmu bi qliegh. Izda jidher li r-rikorrenti m'ghadhiex kapaci tiggenera qliegh u dan mhux b'kapricc izda ghal ragunijiet serji ta' sahha li jimpeduha milli tahdem. Il-ligi tipprovdi li f'cirkustanzi bhal dawn ikun hemm bdil fl-ordni tal-manteniment. Meta wiehed iqis li r-rikorrenti hija kostretta tghix bil-pensjoni tal-invalidita' (€95.05 fil-gimgha[29]) u l-ammont ta' €155.18 li jirrapprezenta l-ammont ta' manteniment prezenti li qed jithallas mill-intimat, wiehed naturalment jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti u cioe' li qed issibha difficli ferm biex tghix b'tali ammont. Tenut kont ta' dan, il-Qorti thoss li huwa gust u ekwu li l-manteniment tar-rikorrenti jigi awmentat.

Il-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mir-rikorrenti fejn ticcita gurisprudenza bhas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Joanne Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone**[30] fejn ragel li ma kellux il-mezzi sabiex jghajjex lilu nnifsu jew li jmantni lil haddiehor, gie kkundannat ihallas kwantu ghal nofs dak li jippercepixxi bhala ghajnuna socjali. Ticcita wkoll sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Emanuela Cauchi vs Carmel Cauchi**[31] fejn il-Qorti stabbiliet

---

[26] Esebit a fol 363 tal-process

[27] Datata l-5 ta' Ottubru 2012 esebita a fol 571 tal-process

[28] Ara l-FS3 relattiva ghas-sena 2008 esebita a fol 138 tal-process, il-*pay-slip* relattiva ghax-xahar ta' Mejju 2009 esebita fol 139 tal-process, ix-xhieda ta' Joseph Sacco tal-15 ta' Gunju 2010 esebit a fol 293 tal-process, Dok. RVX1 u RVX2 esebiti a fol 608- 609 tal-process u Dok. RVX 3 li hija l-*pay-slip* relattiva ghax-xahar ta' Frar 2013 esebita a fol 610 tal-process

[29] Ara x-xhieda ta' Edward Buttigieg bhala *Assistant Director* fid-Divizjoni tas-Sigurta' Socjali esebita afol 182 tal-process

[30] Citazzjoni Numru 545/1996 PS

[31] Deciza nhar l-1 ta' Dicembru 2006

manteniment fl-ammont ta' €349.41 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-mara li kien gie komputat fuq paga annwali gross ta' €14,810. Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza wiehed ma jistax ma josservax il-fatturi ferm differenti tal-istess kawzi citati ghal fatti prezentati fil-kawza odjerna. Zgur li ma jistax jinghad li l-intimat ghandu introjtu minimu li ma jistax jghajjex lilu nnifsu u zgur ukoll li l-introjtu tal-intimat huwa aktar minn dak imsemmi fil-kawza Cauchi vs Cauchi citata aktar 'il fuq, pero' dan ma jfissirx li ghaliex l-intimat ghandu introjtu tajjeb il-Qorti trid necessarjament tapplika l-istess percentwali ta' 31% tal-paga li tghaddi lill-komparenti mara. Dan qieghed jinghad anke abbazi ta' ekwita', ghaliex wiehed ma jridx jinsa li ghall-anqas sabiex bniedem jghix hajja dicenti, irid ikollu bhala l-ammont minimu stabbilit mill-ligi sabiex jghix. Prezentement, ir-rikorrenti m'ghandhiex dan l-introjtu minimu u dan kif inghad aktar 'il fuq, mhux ghal xi raguni li tista' tkun imputabbli lilha. Min-naha l-ohra, m'huwiex ekwu li r-rikorrenti, li ilha separata minn zewgha ghal aktar minn tlettax-il sena tippercepixxi 31% mill-introjtu tieghu. Lanqas ma huwa ekwu li l-istess rikorrenti tinghata xi forma ta' parti mill-polza ta' assigurazzjoni li ghandu l-intimat u li giet iffurmata snin wara li giet deciza s-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet (precizament fis-sena 2007[32]). Huwa ekwu pero' li jkun hemm awment fil-manteniment taghha biex l-istess rikorrenti tibda tghix hajja dicenti. Ghalhekk, huwa importanti li jinholoq bilanc bejn id-dritt tar-rikorrenti ghal manteniment awmentat li jghinha tghix hajja tajba minkejja d-diffikultajiet taghha u bejn is-sitwazzjoni tal-intimat li stinka u rnexxa fil-hajja tieghu billi awmenta l-introjtu tieghu u li mhux gust u ekwu li l-maggor parti tieghu jew ammont kbir minnu jinghata lir-rikorrenti. F'dan il-kunstest jirrizulta ghalhekk li l-pretensjoni tar-rikorrenti kwantu ghal percentwal ta' 31% fil-mija tal-introjtu tal-intimat huwa esagerat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[32] Ara Dok. RVX esebit a fol 313 tal-process

1. Tilqa' l-ewwel talba u tistabbilixxi manteniment ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar bhala manteniment dovut lir-rikorrenti da parti tal-intimat;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €500 fix-xahar lir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-intimat kull xahar u jitpogga f'kont bankarju indikat mir-rikorrenti u ghandu joghla kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------